

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2015 – Yieh United Steel vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-607/15)

(2016/C 038/85)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Yieh United Steel Corp. (Kaohsiung City, it-Tajwan) (rappreżentant: D. Luff, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429, tas-26 ta' Awwissu 2015, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan ⁽¹⁾ (ir-“Regolament ikkontestat” jew ir-“Regolament dwar id-dazju definittiv”, sa fejn jirrigwarda r-rikorrenti; u
- tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti ta' dan ir-rikors.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali għandha l-ġurisdizzjoni li tirrevedi l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ikkontestat u l-konformità tiegħu mar-Regolament bażiku u l-prinċipji ġenerali tal-liġi Ewropea.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku billi rrifjutat indebitament li tikkunsidra l-metodi ta' allokkazzjoni tal-ispejjeż, li r-rikorrenti użat storikament u li jikkorrispondu għal prattiki tal-kontabilità rikonoxxuti internazzjonalment. Minħabba dan il-ksur, il-Kummissjoni rrifjutat b'mod żbaljat tnaqqis tar-ruttam riċiklat mill-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, b'hekk tonfoħ artifiċjalment il-valur normali bi ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku billi warbet indebitament il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat fil-kors ordinarju tal-kummerċ lill-klijent nazzjonali indipendenti biex tiddetermina l-valur normali. Il-Kummissjoni ma ddikjaratx b'mod suffiċjenti ir-raġuni ta' dan ir-rifjut. Barra minn hekk, jekk wieħed jassumi li r-raġuni ta' dan ir-rifjut huwa s-sempliċi fatt li dan il-bejgħ kien esportat wara l-bejgħ (mingħajr ma kienet taf ir-rikorrenti), il-kriterji li applikat il-Kummissjoni huma illegali. Il-Kummissjoni kien imissha kkunsidrat l-intenzjoni tar-rikorrenti li ttrigwarda d-destinazzjoni finali ta' dan il-bejgħ fil-ħin tal-bejgħ. B'hekk, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 2 (2) tar-Regolament bażiku billi ċaħdet il-bejgħ nazzjonali sempliċiment għaliex kien esportat minn klijent indipendenti wara l-bejgħ.

⁽¹⁾ ĠU L 224 p. 10